MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 77/1999/1

**Concetta Sciberras, Carmelo Zammit, Alfred Zammit u John Mary Zammit**

**Vs**

**Antonio Zammit u Emanuel Zammit**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Peress illi l-konjugi Antonio Zammit u Catherine Zammit, missier u omm l-atturi ddisponew minn gidhom *in forza* ta' testment *unica charta* tal-10 ta' Awissu, 1970 fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut (Dok.A) u in forza tieghu wara li

hallew diversi legati nnominaw lill-atturi flimkien mal-konvenuti u ahwa ohra bhala werrieta universali taghhom proprjetarji u padruni assoluti tal-gid kollu taghhom prezenti u futuri in generali lil uliedhom kollha fi kwoti ugwali bejniethom bis-sostituzzjoni volgari u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom;

Peress illi in forza ta' l-imsemmi testment gie stipulat ukoll illi l-kontestaturi hallew b'titolu ta' prelegat f'piena u assoluta proprjeta' lil dawk fost uliedhom li jkunu xebbiet u guvintur meta jmutu s-superstiti fost l-istesss kontestaturi u dan kif ser jirrizulta waqt il-kawza;
Peress illi in effetti l-konvenuti, it-tnejn guvintur, zammew fil-pussess taghhom dak kollu li kien jappartjeni lill-kontestaturi, nkluzi assi mobbli w immobbli;

Peress illi Catherine Zammit mietet fil-20 ta' Gunju, 1988 u Antonio Zammit miet fil-15 ta' Dicembru, 1997 u billi mid-dispozizzjonijiet testamentarji jidher illi l-atturi ghandhom dritt ghall-legittima, liema drittijiet tal-legittima l-atturi rriservaw favur taghhom, wara li saret id-debita rinunzja;

Peress li l-atturi jridu li jigi likwidat il-konsistenza ta' l-assi ereditarji kollha ta' l-istess Antonio Zammit u Catherine Zammit kif jirrizulta waqt il-kawza.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Jigi ghall-finijiet tal-legittima llikwidat minn dina l-Qorti l-assi ta' l-imsemmija Antonio Zammit u Catherine Zammit konsistenti f'dak kollu li jkun irrizulta spettanti lilhom.

2. Tigi minn dina l-Qorti likwidata l-legittima spettanti lill-atturi skond il-ligi prevja li ssir il-kollazzjoni li eventwalment tkun necessarja u dana permess jekk ikun il-kaz ta' periti nominandi,

3. Il-konvenuti jigu kkundannati lill-konvenuti li jassenjaw l-istess legittima in natura hekk likwidata bil-

frutti skond il-ligi formanti parti mill-assi ta' Antonio Zammit u Catherine Zammit.

4. Jigi nominat minn din il-Qorti nutar biex jircievi l-att opportun u nominati kuraturi biex jirraprezentaw il-kontumaci.

Bl-ispejjez, bl-imghax skond il-ligi mid-data tan-notifika ta' dina c-citazzjoni u b'hekk il-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici Concetta Sciberras a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 11 tal-process fejn eccepew:**

1. Illi fl-ewwel lok ghandu jigi determinat jekk l-atturi kollha humiex intitolati li jitolbu l-legittima legali stante li x'uhud minnhom accettaw tacitament il-wirt tal-mejtin Antonio Zammit u Catherine Zammit.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti qatt ma rrifjutaw li jhallsu l-legittima legali lil dawk mill-atturi li ghandhom dritt ghaliha, izda dan ma kienx possibbli li jsir minhabba l-pretensjonijiet esagerati taghhom. Ghaldaqstant l-istess atturi ghandhom ibatu l-ispejjez ta' dawna l-proceduri.

3. Illi sabiex tigi komputata l-legittima dovuta lill-atturi, jew min minnhom, ghandhom l-ewwel jigi mnaqqsa d-djun tal-assi ereditarji u dak kollu li l-atturi rcevew minghand il-mejtin Antonio Zammit u Catherine Zammit qabel mewthom.

4. Illi l-atturi effettwaw hafna miljoramenti a spejjez taghhom fil-fond "Anthony House", Holy Road Street, B'Kara, li ghandhom jigu wkoll kkunsidrati meta tigi komputata l-legittima.

Rat id-digriet a fol 18 u fol 34;

Rat ir-rapport a fol 45;

Rat id-digriet a fol 86;

Rat ir-rapport tal-periti addizzjonali a fol 96;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Il-Fatti**

Illi Antonio Zammit u martu Catherine nee` Gambin ghamlu t-testment *unica charta* taghhom fl-10 t'Awwissu 1970 fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut, liema testament kien l-ahhar testment tal-konjugi Zammit u ghaldaqstant jirregola l-eredita` taghhom.

Illi permezz ta' dan it-testment, il-kontestaturi hallew *"b'titolu ta' prelegat f'piena u assoluta proprieta lil dawk fost uliedhom li jkunu ghadhom xebbiet u guvintur meta imut is-superstiti fost l-istess kontestaturi id-dar minghajr numru iggib l-isem "Anthony" f'New Street off Bwieraq Street, Birkirkara flimkien mal-garage ukoll kontigwu ghall-istess dar u flimkien mal-effetti mobbli kollha li jkunu jinsabu go l-istess dar mill-ghatba il gewwa…"*

Illi permezz ta' l-istess testment huma nnominaw bhala eredi universali taghhom lil uliedhom kollha, li kienu hdax.

Illi Catherine Zammit mietet fl-ghoxrin (20) ta' Gunju elf disa' mija tmienja u tmenin (1988). Illi Antonio Zammit miet fil-hmistax (15) ta' Dicembru elf disa' mija sebgha u disghin (1997). Illi fil-jum tal-mewt ta' Antonio Zammit, kien ghad baqa` hajjin ghaxar uliedu u dan ghaliex bintu xebba Therese kienet mietet qablu.

Effettivament ulied xebbiet u guvintur fid-data tal-mewt tal-missier Antonio kien ghad baqa` tnejn u cioe il-konvenuti Antonio u Emanuel.

**Il-Prelegat**

L-atturi hassew illi permezz tal-prelegat imholli li huthom guvintur, il-kontestaturi Zammit kienu ddisponew minn porzjon akbar minn gidhom milli tippermetti l-ligi. Peress illi l-ahwa kienu ghaxra, il-ligi tirriserva ghal dawn l-ulied nofs il-gid tal-genituri taghhom. L-atturi allegaw, u dan gie konfermat permezz tal-valutazzjoni tad-diversi periti nominati f'din il-kawza, illi l-valur tal-prelegat u cioe ta' "St. Anthony", Triq is-Salib Imqaddes, Birkirkara, kien jeccedi n-nofs tal-gid tal-kontestaturi Zammit.

**Legittima**

Ghaldaqstant l-atturi u cioe Concetta Sciberras, Carmelo, Alfred u John Mary ahwa Zammit, permezz tad-digriet tal-Qorti Civili Sekond'Awla numru 939/98, irrinunzjaw ghal kwota ereditarja spettanti lilhom mill-wirt tal-genituri taghhom. Huma mbaghad ghamlu din l-azzjoni ghar-riduzzjoni tad-disposizzjoni testamentarja li permezz taghha gie mholli il-prelegat lil huthom, u talbu illi din il-Qorti tistabbilixxi l-legittima dovuta lilhom u tordna lill-konvenuti jhallsuhom dak l-ammont likwidat minn dina l-Qorti.

**Il-Fond "Lina House"**

Illi minbarra l-fond imholli taht titolu ta' prelegat, il-kontestaturi kienu l-proprjetari wkoll tal-fond "Lina House", Triq is-Salib Imqaddes, Birkirkara. Dan il-fond jinsab mikri lil Alfred Zammit li huwa wkoll iben il-kontestaturi, u wiehed mill-atturi f'din il-kawza. Qabel il-mewt ta' missieru dan kien ihallas hamsin lira Maltin (Lm50) fis-sena bhala kera lil missieru. Wara l-mewt ta' missieru huwa baqa` jhallas din l-istess kera lil hutu kollha.

Kif jghid huwa stess fix-xhieda tieghu tat-23 ta’ Gunju 2003 (a fol. 107 tal-process) *“Illum jien naghtihom hames liri kull wiehed lill-ahwa lill-***werrieta** *kollha.... Lill-Cettina, Carmelo, Jimmy u Joseph. Dawn nibghatilhom il-flus u* ***dawn jaccettawhom****. Ilni nhallas b’dan il-mod kemm ili li nfetah it-testment. ”* Din ix-xiehda ma giet kontradetta bl-ebda mod u ghaldaqstant qed tigi kkunsidrata minn dina l-Qorti bhala prova.

Skond l-Art.846 tal-Kap 12: "Hadd ma hu obbligat li jaccetta wirt li jmiss lilu". Sakemm il-persuna nominata b'eredi ma taghmilx att ta' eredi, ma hemm xejn x'jimpediha milli tirrinunzja ghall-eredita' (Art. 860). Il-werriet li jirrinunzja jitqies bhallikieku ma kien qatt werriet (Art. 862(1)). Fis-successjoni b'testment, is-sehem ta' dak li jirrinunzja jghaddi favur dawk li jkunu werrieta mieghu fit-testment jew "favur il-werrieta legittimi bhal ma jinghad fl-artikoli 737 u 741 (Art. 864 (2). Aktar minn hekk hu eredi legittimu li accetta l-eredita' anke jekk b'mod tacitu meta ghamel atti "li bilfors ifissru li huwa ried jaccetta l-wirt u li ma ma kienx ikollu l-jedd jaghmel jekk mhux bhala werriet" (Art. 850 (3)

Jidher illi l-ahwa kollha jqisu ruhhom bhala komproprjetarji tal-fond “Lina House”. Qabel, il-kera kienu jaccettawha il-genituri taghhom. Issa li dawn mietu, l-ahwa kollha qeghdin jaccettaw din il-kirja u b’hekk effettivament huma qed jqisu rwiehhom bhala werrieta tal-genituri taghhom. Dan l-agir tal-ahwa inkluz tal-atturi illi jaccettaw il-kera tal-fond “Lina House” jikkostitwixxi att ta’ accettazzjoni tal-wirt tal-genituri taghhom. Kif isemmi l-artikolu 850 l-accettazzjoni tal-wirt tista’ tkun kemm espressa kif ukoll tacita. *“(3) Hija tacita, meta l-werriet jaghmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaccetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jaghmel jekk mhux bhala werriet.”*

Il-Qorti tikkonsidra li l-atturi ma kellhomx jedd jaccettaw il-kera tal-fond ghajr bhala werrieta tal-genituri taghhom. L-accettazzjoni tal-kera kienet accettazzjoni tacita tal-eredita` u biha huma riedu jfissru li riedu jaccettaw il-wirt.

Minkejja r-rinunzja formali taghhom ghall-wirt, l-atturi kemm qabel u kif ukoll wara tali rinunzja baqghu jaccettaw il-kera. Ghalhekk minkejja li kienu rrinunzjaw ghall-wirt espressivament, din ir-rinunzja giet annullata bl-agir taghhom u ghaldaqstant saret minghajr effett quddiem il-ligi (ara sentenzi App  Farrugia vs Farrugia 30/4/1962, App Galea vs Bonnici 6/11/1961, App Darmanin vs Micallef 22/10/1951, PA Scicluna vs Vella 14/5/57, PA Mea vs Borg  28/6/1952, u PA Dimech vs Ellul 8/1/1993).

**L-attur Alfred Zammit**

L-attur Alfred Zammit kien dak li qed ihallas il-kera in kwistjoni. Mill-kliem tieghu stess hu jqis ruhu bhala werriet ukoll ma' hutu. Infatti huwa jghid (a fol. 108 tal-process) *"Tieghi naturalment ma nhallashomx. Jien qieghed fis-sehem maghhom".*  Di fatti, huwa ma kienx jaqsam il-hamsin Lira Maltija bejn hutu, imma l-ewwel kien inaqqas il-hames liri kera sehem tieghu, u mbaghad mill-hamsa u erbghin lira li kien jibqa`, jaghti hames liri kull wiehed lid-disa` hutu. Ghaldaqstant huwa wkoll kien jaccetta li jiehu s-sehem tieghu mill-kera tal-fond "Lina House" u minhabba f'hekk huwa jitqies li accetta l-wirt tal-genituri tieghu daqs hutu l-atturi l-ohra f'din il-kawza.

Ladarba l-atturi accettaw il-wirt tal-genituri taghhom, l-azzjoni ghar-riduzzjoni tal-prelegat ma tistax tissussisti, u t-talbiet taghhom ghal-likwidazzjoni tal-legittima spettanti lilhom ma tistax tintlaqa` minn din il-Qorti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici
u tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.
Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------